MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2011

Numru. 925/2010

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christopher Colerio akkuzat:

talli gewwa l-Ghassa tal-Pulizija l-Qawra, nhar it-22 ta’ Settembru 2000, halef il-falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b’ligi li jaghti gurament.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-6 ta’ Settembru 2010 sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet l-eccezzjoni sollevata mid-difiza dwar il-preskrizzjoni ta’l-azzjoni kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza

Semghet il-provi u it-trattazzjoni tal-partijiet limitatament dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiza.

Ikkunsidrat;

Illi din is-sentenza ser titratta biss l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali sollevata mid-difiza.

Illi il-fatti ta' dana il-kaz in succinct huma is-segwenti. Illi matul il-lejl tat-8 ta' Settembru 2000, kienu inghataw in-nar zewg dghajjes gewwa x-Xemxija. Gie stabbilit minn investigazzjonijiet li saru mill-pulizija *a tempo vergine* illi dawn in-nirien kienu ta' natura doluza. Id-dghajjes kienu jappartjenu lil certu Andrew Schembri li kellu suspett f'certu George Grech u it-tifel tieghu Jonathan li kienu f'kompetizzjoni mieghu peress illi kenu armati bl-istess tip ta' negozju ta' kiri ta' *pleasure boats* ghat-turisti. Illi mill-investigazzjonijiet taghhom, il-pulizija stabbilew illi dana Jonathan Grech kien sofra xi griehi b'konsegwenza ta' xi hruq fuq diversi partijiet f'gismu. Dana Grech meta interrogat kien stqarr illi huwa kien qieghed isofri minn dawn il-griehi peress illi kien inharaq fis-7 ta' Settembru (u cioe' gurnata qabel ma sehh l-allegat reat) filwaqt illi kien qieghed jahdem fuq il-boat tieghu. Ighidlhom lill-pulizija illi bhala xhieda ta' dana kien hemm l-imputat u persuna ohra bl-isem ta' Clifford Attard, li kienu hbiebu u li kienu mieghu dak inhar meta wegga'. Illi l-imputat kien gie ukoll interrogat u gie mitlub jaghti xhieda guramentata quddiem l-Inkwirenti fl-inkjesta magisterjali li kienet saret in konnessjoni ma' dana l-incident. Hemmhekk l-imputat ikkorrobora dak li stqarr Grech u cioe' li kien prezenti meta Grech inharaq waqt li kien qieghed jahdem fuq id-dghajsa tieghu. Illi jidher illi ghalhekk il-pulizija ma baqghux jindagaw lil Grech, fost affarijiet ohra fid-dawl ta' dina x-xhieda moghtija mill-imputat. Illi recentement il-pulizija kisbu xi informazzjoni gdida in konnessjoni ma' dana il-hruq u rega' ghalhekk waqa' s-suspett fuq Jonathan Grech. Ghalhekk l-imputat rega' gie imsejjah sabiex jigi interrogat. Fil-kors ta' dina l-interrogazzjoni li sehhet fil-5 ta' Settembru 2010 l-imputat biddel il-verzjoni guramentata moghtija minnu fis-sena 2000 meta jistqarr:

**"Li rrid nghid huwa li meta jiena ghedt li meta kont iltqajt ma' Jonathan Grech hdejn il-Gillieru San Pawl il-Bahar nhar is-7 ta' Settembru 2000, jiena kont ghedt**

**li lil Jonathan kont rajtu bi hruq f'idejh it-tnejn u f'wiccu, illum irrid nghid li dak in-nhar Jonathan Grech kellu biss hruq f'idejh it-tnejn u mhux f'wiccu ukoll. Dak in-nhar jiena kont ghedt li kellu il-hruq f'wiccu sabiex ma narahx fix-xhit. Irrid nghid li Jonathan Grech lili qatt ma qalli li hu kien haraq xi dghajjes pero peress li kont naf li Jonathan Grech u missieru George Grech kellhom xi disgwid ma' persuna li kienet inharqitlu d-dghajsa tieghu tat-turisti dik il-habta, jiena kont issusspettajt li seta kien Jonathan Grech li haraq din id-dghajsa."[1]**

Illi fid-dawl ta' dina l-istqarrija ghalhekk l-imputat gie akkuzat bir-reat tal-gurament falz a tenur ta'l-artikolu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat allegatament gie kommess allura fit-22 ta' Settembru 2000, meta l-imputat ta x-xhieda guramentata tieghu fl-inkjesta magisterjali.

Ikkunsidrat,

Illi id-difiza fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali qed isosstni illi l-azzjoni kriminali hija legalment preskritta. Illi l-preskrizzjoni applikabbli ghar-reat addebitat lill-imputat hija dik ta' hames snin u dana a tenur ta'l-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi r-reat tal-gurament falz ikkontemplat fl-artikolu 108(1)(a) igorr piena ta' prigunerija sa massimu ta' sena. Kwindi id-difiza tikkontendi illi il-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali bdiet tiddekorri mid-data tal-kummissjoni tar-reat u cioe' mid-data tat-22 ta' Settembru 2000 u minghajr dubbju ghalhekk il-perijodu preskrittiv ta' dina l-azzjoni kriminali illum lahaq iddekorra.

Illi l-prosekuzzjoni, minn naha taghha, qed takkampa ruhha mad-difiza illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni ta'l-artikolu 692 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi testwalment:

**"Iz-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf"**

---

[1] Ara stqarrija ta'l-imputat Dokument AP3 a fol.31

U ghalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni qatt ma seta’ jibda jiddekorri favur l-imputat, iktar u iktar meta fil-kaz odjern, mhux biss il-persuna tal-hati (jew ahjar ta’l-imputat jew akkuzat) ma kenitx maghrufa, izda lanqas ma kien maghruf id-delitt, jew ahjar il-kommissjoni tar-reat in dizamina.

Illi id-difiza qieghda takkampa favur it-tezi taghha dak deciz f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali li ittrattat dina l-kwistjoni legali fit-30 ta’ Ottubru 2001 f’kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri”. Illi fid-decizjoni taghha l-Qorti sahqet illi il-qari ta’ dak dispost fl-artikolu 692 ghandu jinqara b’mod restrittiv u l-interpretazzjoni tieghu ma ghandhiex titwessa sabiex tinkludi l-istanza fejn id-delitt lanqas ma ikun maghruf. Dana ghaliex l-Avukat Generali f’dik il-kawza argumenta illi gialdarba il-legislatur ried illi l-preskrizzjoni ma tiddekorriex meta il-hati mhux maghruf *multo magis* dana ghandu japplika meta lanqas ir-reat ma ikun maghruf ghaliex f’dana il-kaz awtomatikament ifisser ukoll illi lanqas il-hati ma ikun maghruf. Illi il-Qorti ta’l-Appell ma qabblietx ma’ dana l-argument u stqarret:
“Din il-Qorti minghajr ezistazzjoni tiddikjara li ma taqbel xejn mat-tezi prospettata mill-Avukat Generali u taghmel referenza mill-ewwel ghal dak li jghid Giuglio Crivellari “Concetti Fondamentali di Diritto Penale” publikat fl-1888, para 125 f’pagna 121:-

***“Per cio’ che riguarda l’epoca da cui deve cominciare la decorrenza della prescrizione, il punto di partenza ha da essere e quello in cui cominciano a nascere rispettivamente nella societa’ e nel delinquente i diritti e le obligazioni derivanti dal reato. In conseguenza, per quanto riflette la prescrizione dell’azione penale, essa principia dal giorno del commesso reato ancorche se ne ignori l’autore perche’ e’ da questo giorno che comincia nella societa’ il diritto e l’obbligo a provedere”*****,**

Is-sentenza taghmel referenza ukoll ghal gurisprudenza aktar antika fosthom ghas-sentenzi Formosa vs Zarb

Cousin (11/09/1922) u Il-Pulizija vs Mikiel Agius (03.02.1947) fejn kien gie deciz:

***"delle dette leggi criminali, se stabilisce che la trascrizione per i delitti non corra quando il colpevole sia ignoto, esso deve interpretarsi nel senso gia da questa corte ritenuto nella sua decisione dell' 11/09/22 in reLuigi Formosa vs Carmelo Zarb Cousin, cioe' <u>che sia ignoto non gia in modo relattivo al solo offeso e per ragioni non imputabili al colpevole, ma in senso obiettivo e generale per malizia e prattiche dello stesso colpevole.</u>"***

Illi il-ligi tal-preskrizzjoni tolqot is-sustanza ta'l-azzjoni u mhux l-aspett proceduralI taghha. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex u cioe' illi bniedem ma jigix ipprocessat ghal xi azzjoni wara trapass twil ta' zmien meta il-provi li iridu jigu prodotti quddiem il-Qorti ikunu jew intilfu jew gew offuskati minhabba it-telfien tal-memorja tax-xhieda li jigu prodotti. Illi l-Qorti ghalhekk temmen illi dak li jiddisponi l-artikolu 692 huwa car u ma ghandux bzonn ta' ebda interpretazzjoni Il-legislatur espressament ipprovda dwar cirkostanza partikolari u cioe' ic-cirkostanza fejn reat ikun maghruf izda il-persuna li ikkometta dak ir-reat ma ikunx u dana ghandu sinifikat assolut fis-sens kif deciz fis-sentenza hawn fuq citata illi irid ikun hemm injoranza assoluta ta'l-awtur tad-delitt. Il-legislatur ma isemmiex il-kaz fejn ir-reat ma ikunx maghruf u kwindi dina d-disposizzjoni tal-ligi ma ghandhiex tigi interpretata li tfisser dan. Il-ligi hija cara – il-preskrizzjoni tibda tidekorri dejjem meta isir ir-reat u jieqaf jiddekorri biss meta jkun maghruf li twettaq delitt u l-awtur ta'l-istess ma ikunx maghruf. Allura fis-sitwazzjoni fejn ir-reat ma ikunx maghruf il-preskrizzjoni ghandha tibqa ghaddejja sakemm ir-reat jinkixef. Illi fil-kaz in dizamina meta dana ir-reat inkixef, it-terminu tal-preskrizzjoni kien lahaq iddekorra. Illi di piu' il-Qorti tirrileva illi f'dana il-kaz wiehed ma jistax ighid illi kien hemm xi injoranza assoluta dwar ic-cirkostanzi li sawwru dana il-kaz. Kien sehh reat, saret inkjesta magisterjali, u saret investigazzjoni! L-imputat kien ta l-verzjoni tieghu ta' kif sehh dana id-delitt u kwindi il-pulizija setg hu fácilment jasslu ghal fatt illi l-imputat kien

qed ighid nofs verita fl-istqarrija tieghu iktar u iktar meta fl-istess xhieda guramentata tieghu huwa jistqarr illi ha lil siehbu ghand tabib u sahansitra hadu gewwa zewg sptarijiet St.Philips Hospital u St.Anne's Clinic u allura il-pulizija investigattiva ta' dak iz-zmien setghu facilment jaghmlu l-istharrig taghhom sabiex jaraw jekk dak li kien qed ighidlhom l-imputat kienx minnu jew le.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, wara li rat l-artikoli 108(1)(a) u 688(d) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-imputat tal-preskrizzjoni, u tiddikjara l-azzjoni kriminali odjerna preskritta skond il-ligi u kwindi tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------